# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**(SEZZJONI TAL-IRKUPRU TAL-ASSI)**

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Rikors Nru. 4/2024 HM**

**L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi**

**vs**

**Roderick Vella et**

**Illum, 2 ta' Settembru, 2024**

Il-qorti reġgħet rat ir-rikors tat-8 ta' Awwissu 2024 fid-dawl tar-risposta tal-21 ta' Awwissu 2024 u tan-nota tal-Uffiċju tad-29 ta' Awwissu 2024.

Il-qorti tqis li għalkemm hu minnu, kif jallega l-Uffiċju (ara para. 6 tar-rikors tat-8 ta' Awwissu 2024), li vetturi huma tali li huma f'riskju ta' deterjorazzjoni, tħassir, ħsara jew deprezzament fil-valur, dan mhux riskju immedjat. Fid-dawl tal-fatt li hemm talba li, jekk tintlaqa', tista' twassal biex dawn il-vetturi, jew uħud minnhom, jinħelsu mill-effetti tal-Ordni ta' Qbid u Iffrizar, il-qorti tqis li t-talba f'dan l-istadju hi kemxejn prematura. Għalhekk, it-talba hi miċħuda, b'dan li tista' dejjem terġa titressaq meta r-riskju isir iktar immedjat milli hu llum.

Henri Mizzi
Imħallef